**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Avukat Dottor Henry *sive* Eric Mamo *noe*

*versus*

Joseph Muscat *et*

**Xhud - Appell - Produzzjoni ta' Xhud fi Stadju ta' Appell - Diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li Tammettieh - Artikolu 208 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*L-appellant talab illi jipproduċi xhud li ma kienx xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Issa l-artikolu 208 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li ebda xhud li ma jkunx inġieb fil-Qorti ta' l-ewwel grad ma jista' jinġieb fl-appell ħlief: "... meta l-Qorti fil-grad ta' Appell hija ta' fehma li x-xhieda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa utili"*

*Ilu biss taħt dan is-subinċiż illi l-Qorti tista' tikkunsidra l-ammissibilità tax-xhud rikjest mill-appellant. Il-Qorti ta' l-Appell dehrilha però li ma kellhiex teżerċita din id-diskrezzjoni mogħtija lilha eċċezzjonalment għaliex hu ċar illi l-provi tal-kontedenti għandhom jiġu kollha prodotti fi stadju opportun fis-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Din hi azzjoni kambjarja li biha l-bank attur appellat qed jirreklama pagament ta' numru ta' kambjali li aċċetta l-konvenut u li ma ħallasx meta skadew. L-attur *nomine* aġixxa b'din iċ-ċitazzjoni:

"Premess illi l-attur *nomine* huwa d-detentur ta' dsatax-il kambjala hawn esebiti in fotokopja bħala dokument 1 sa 19, liema kambjali jikkonsistu f'waħda bl-import ta' ħames mitt lira (Lm500) li skadiet fit-22 ta' April, 1985, u tmintax-il waħda bl-import ta' tliet mija u tmienja u tmenin lira (Lm388)-il waħda li skadew kollha fil-ħmistax-il jum ta' kull xahar minn Marzu, 1985 sa Awissu, 1986;

Premess illi l-konvenut huwa l-aċċettant ta' dawn il-kambjali msemmija u għalhekk huwa tenut għall-ħlas ta' l-istess li jammontaw għas-somma totali ta' sebat elef, erba' mija u erbgħa u tmenin lira (Lm7,484) bl-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala;

U premess illi l-konvenut, intimat għall-ħlas permezz ta' ittra interpellatorja tal-11 ta' Jannar, 1989, baqa' inadempjenti;

U premess għalhekk illi d-debitu tal-konvenut huwa wieħed ċert, likwidu u għalaq u l-attur ħalef (dokument A) kemm fuq dan kif ukoll li fil-fehma tiegħu l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba infraskritta;

Talab li din il-Qorti tiddeċidi fuq it-talba infraskritta bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża; u

Tikkundannah sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef, erba' mija, erbgħa u tmenin lira (Lm7,484) bl-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja msemmija kontra l-konvenut";

Il-konvenut Joseph Muscat hekk eċċepixxa għat-talbiet attriċi:

"Il-*lis alibi pendens* peress li quddiem din l-Onorabbli Qorti, *diversament ippresjeduta, tinsab pendenti kawża fuq l-*istess oġġett meritu ta' din il-kawża odjerna;

F'din il-vertenza tinsab implikata s-soċjetà Eurowear Clothing Industries Limited, kif rappreżentata minn Bernard Sullivan u Alex Zammit, peress li l-kambjalijiet in kwistjoni ħarġu *as security* a favur ta' l-istess soċjetà u għalhekk din is-soċjetà għandha tiġi kkjamata fil-kawża;

Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-eċċipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li l-ammont pretiż fiċ-ċitazzjoni ġie mħallas mill-eċċipjent u a sodisfazzjon u konjizzjoni tal-Bank attur";

B'sentenza ta' l-allura Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' Settembru, 1995, ġie deċiż illi fil-kontumaċja tas-soċjetà Eurowear Clothing Industry Limited u wara li ssir mill-ġdid referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti in parte, mogħtija fis-27 ta' Lulju, 1993, u wara li tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens*, u dawk l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-meritu tilqa' t-talba attriċi kif dedotta u għall-ammont mitlub kontra l-konvenut, bl-interessi legali kif mitlub sal-pagament effettiv. Il-kap ta' l-ispejjeż kellu jitħallas interament mill-konvenut li favur tiegħu tiġi ppreservata kull azzjoni spettanti bil-liġi *si et quatenus* kontra s-soċjetà kjamata in kawża tad-debitu in kwistjoni;

Mhux il-każ li f'dan l-istadju l-Qorti teżamina l-motivazzjoni tas-sentenza appellata billi hi għalissa kjamata biex tiddeċidi talba li l-appellant għamel fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 1997 biex jipproduċi bħala xhud lil Raymond Muscat ġà nġunt quddiem *l-Ewwel Qorti*;

Il-Bank attur oġġezzjona għal din it-talba u ssottometta li dan ix-xhud kellu jinstema' quddiem dik il-Qorti u qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Fuq invit ta' din il-Qorti l-avukat ta' l-appellant iddikjara li l-oġġett tal-prova li xtaq jagħmel dan ix-xhud kienet li l-bank attur, tramite r-rappreżentant tiegħu, John Baptist Gauci, kien irrikonoxxa l-ħlas ta' dawn il-kambjali da parti tal-konvenut;

Il-Qorti tinnota illi fir-risposta tiegħu għar-rikors ta' l-appell tal-konvenut, l-attur *nomine* kien qed jopponi għall-posizzjoni ta' xhieda ġodda f'dan l-istadju. Jirrileva ukoll illi quddiem l-Ewwel Qorti kien qed jiġi allegat illi l-*Manger* tal-fergħa kkonċernata tal-bank, l-istess John Gauci, kien jaf bil-ħlas u aċċetta li dan id-depożitu a kreditu tal-kont tal-Eurowear kien jikkostitwixxi l-ħlas tal-kambjali li tagħhom il-bank appellat huwa d-detentur. L-attur *nomine* jikkontesta din l-allegazzjoni u jinnota illi x-xhud John Gauci ma kienx ġie prodott biex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Fatt dan li kien ġie ukoll innotat fis-sentenza appellata;

It-talba taħt eżami trid tiġi eżaminata fid-dawl ta' l-aggravju ta' l-appellant illi l-Ewwel Qorti ma tagħtux l-opportunità li jtemm il-provi tiegħu. Hu jsostni li meta fil-25 ta' Mejju, 1994 il-kawża kienet differita mill-Qorti tal-Kummerċ għall-provi tiegħu, kemm hu, kif ukoll ix-xhud li kellu jiddeponi kienu preżenti, iżda x'ħin daħlu fl-Awla sabu li l-kawża kienet diġà differita. Fil-verità però x-xhud li għalih l-appellant qed jagħmel hawn referenza ma kienx dan John Gauci imma ħuh Raymond Muscat li kien iddikjara quddiem il-Qorti li kien l-uniku xhud li kien għad fadallu. Il-Qorti eżaminat il-proċess u minn imkien ma jirriżulta li kienet saret xi inġunzjoni matul it-trattazzjoni tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti biex jixhed John Gauci, il-*Manager* tal-bank in kwistjoni;

Hu allura għal kollox inġustifikat l-aggravju ta' l-appellant illi l-Ewwel Qorti ma kinitx tagħtu l-opportunità li jikkonkludi l-provi tiegħu u dan għas-sempliċi raġuni li l-prova li issa qed jittanta jagħmel quddiem din il-Qorti kienet għal kollox diversa minn dik illi ppretenda li kellu jingħata l-opportunità li jagħmel fi prim'istanza;

Issa l-artikolu 208 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li ebda xhud li ma jkunx inġieb fil-Qorti ta' l-ewwel grad ma jista' jinġieb fl-appell ħlief:

(a) Meta l-parti kuntrarja tkun tat il-kunsens tagħha. F'dan il-każ il-parti kuntrarja qed topponi;

(b) Meta, bil-ġurament jew mezzi oħra, jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xhieda ta' dak ix-xhud ma kinitx taf biha, jew ma setgħetx bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġib dak ix-xhud fil-Qorti ta' l-ewwel grad. Dan ovvjament mhux il-każ f'din l-istanza;

(ċ) Meta t-talba biex tinġieb ix-xhieda ta' dak ix-xhud tkun saret u ġiet miċħuda quddiem il-Qorti ta' l-ewwel gard, u l-Qorti fil-grad ta' appell tkun ta' fehma li dik ix-xhieda hija ammissibbli u rilevanti. Anke dawn iċ-ċirkostanzi, f'dan il-każ, ma jokkorrux;

(d) Meta l-Qorti fil-grad ta' appell hija ta' fehma li x-xhieda ta' dak ix-xhud hija meħtieġa u utili;

Hu biss taħt dan is-subinċiż illi l-Qorti tista' tikkunsidra l-ammissibilità tax-xhud rikjest mill-appellant. Il-Qorti jidhrilha però li m'għandhiex teżerċita din id-diskrezzjoni mogħtija lilha eċċezzjonalment għaliex hu ċar illi l-provi tal-kontendenti għandhom jiġu kollha prodotti fi stadju opportun fis-smigħ tal-

kawża quddiem l-Ewwel Qorti fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali illi dak ix-xhud seta' faċilment ġie prodott, u l-parti li tixtieq fi stadju ta' appell tipproduċih, għall-konvenjenza jew minħabba negliġenza grassa tonqos li hekk tipproduċih. Fil-każ taħt eżami hu nnotat illi l-appellant eċċepixxa sa mill-bidunett tal-kawża illi l-ammont pretiż fiċ-ċitazzjoni ġie minnu mħallas għas-sodisfazzjon u kondizzjoni tal-bank attur. Hu ovvju allura li jekk il-ħtieġa tax-xhud li issa qed jitlob li jipproduċi kienet immotivata mill-bżonn ta' prova ta' pagament, kien dover ta' l-appellant li jipproduċih f'ħafna okkażjonijiet li kellu quddiem l-Ewwel Qorti. Lanqas jista' jkun hemm xi dubbju dwar l-identità ta' dan ix-xhud jew li kien hemm xi diffikultà biex jiġi prodott. Il-fatt li l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, innotat bħala prova negattiva kontra l-konvenut li hu naqas li jipproduċi lil dan ix-xhud quddiemha, u meta jiġi kkunsidrat li l-Ewwel Qorti kienet pjenament ġustifikata li hekk tagħmel, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha, f'dan l-istadju, tiddisturba l-iter tal-proċess kif stabbilit mil-liġi, billi tippermetti l-produzzjoni ta' xhud, li jista' jkun jew ma jkunx, determinanti għall-meritu. Kien jispetta lill-konvenut appellant li jutilizza l-mezzi kollha ta' difiża lilu mogħtija bil-liġi fil-mument opportun. Jekk dak l-iter proċesswali jiġi issa ddisturbat dan ikun preġudizzjonali għall-attur *nomine* u din il-Qorti m'għandhiex tippermetti li dan isir bil-barka tagħha;

Għal dawn il-motivi, it-talba għall-produzzjoni tax-xhud qed tiġi miċħuda, l-appell qed jiġi differit għat-trattazzjoni fil-meritu. L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu a karigu ta' l-appellant.